**TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR**

**CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL**

MALTA

CCT/152/13/S

Alexander Chetcuti f'isem Sonia Waiczies Chetcuti
Vs
Calbros Bathroom Centre Limited

Illum 22 t'Ottubru,2015.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Alexander Chetcuti f'isem Sonia Waiczies Chetcutiipprezentata fid-9 ta'Lulju,2013 u r-risposta tas-socjeta Calbros Bathroom Centre Limited ipprezentata fit-22 ta'Lulju,2013 kif ukoll tal-kjamat fil-kawza Robert James Farrugia pprezentata fis-6 ta'Frar,2014;

Ra d-dokumenti varji pprezentati kif ukoll sema' lill-partijiet kollha;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda xoghol ta' tqeghid ta' madum li allegatament ma sarx sew;

Illi l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta intimata kif ukoll dik tal-kjamat fil-kawza Robert James Farrugia, tirrigwarda l-preskrizzjoni u dan skont l-artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta'Malta;

Illi l-artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta'Malta jghid hekk:

*"L-azzjoni ghall-hlas tal-hsarat mhux ikkagunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-eghluq ta'sentejn".*

Illi skont ix-xhieda ta' Alexander Chetcuti, ix-xoghol ta' tqeghid tal-madum sar fis-Sajf tas-sena 2010[1];

Illi min-naha l-ohra, Sonia Waiczies issemmi d-data meta sar ix-xoghol bhala s-Sajf tas-sena 2011[2];

Illi skont l-ircevuta pprezentata u mmarkata bhala Dok CG1, jidher li l-kjamat fil-kawza thallas ta'xoghlu wara li kien lesta x-xoghol f'Awwissu,2010;

Illi din is-sena u cioe 2010 hi ukoll konfermata mid-direttur tas-socjeta intimata[3];

Illi jidher li vizwalment, ma kien jidher xejn hazin fix-xoghol maghmul u kien forsi ghalhekk li ghadda z-zmien meta ittihdet azzjoni daparti tar-rikorrenti;

Illi ma saret ebda prova li gie pprezentat xi att gudizzjarju biex tigi interrotta il-preskrizzjoni qabel il-prezentata ta' din it-talba quddiem dan it-Tribunal fid-9 ta'Lulju,2013;

Illi ghalhekk it-talba tar-rikorrenti hi perenta ghax saret wara sentejn minn meta tlesta x-xoghol f'Awwissu,2010;

[1] Xhieda moghtija fis-seduta tal-5 ta'Gunju,2014.
[2] Ara Dok CG2 tal-atti.
[3] Fol 26 tal-Atti – Xhieda moghtija waqt is-seduta tal-5 ta'Frar,2015.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT1101 – MALTA TELEPHONE: (+356) 21227070

TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jichad it-talba ta' Alexander Chetcuti f'isem Sonia Waiczies Chetcuti filwaqt li Jilqa' l-eccezzjonijiet dwar preskrizzjoni tas-socjeta Calbros Bathroom Centre Limited u ta' Robert James Farrugia, b'kull parti thallas l-ispejjez relattivi ta'dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru